MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 944/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Paul Grech**

Kaz Numru: 944/2012

Illum 24 ta’ Settembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Grech**, bin Anthony u Sylvia neé Mizzi, imwieled fil-25 ta’ Novembru 1973 u residenti fil-fond Rustica, Triq Bir Rix, Kercem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita’ Numru 25273(G) li gie akkuzat talli nhar id-29 ta’ Ottubru 2012

ghall-habta ta’ 09:20hrs fl-akkwati maghrufa bhala l-Ghadira ta’ San Rafflu limiti ta’ Kercem, Ghawdex :

1. ha jew ipprova jiehu b’xi mezz, xi ghasfur meta ma kienx jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f’kull ligi ohra u dan bi ksur ta’ Regolament 12(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. naqas milli josserva l-kontenut tal-licenzja, jew naqas milli jikkonferma ma’ xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-licenzja ghall-insib fil-harifa, u cioé billi nasab minn fuq sit iehor li ma kienx dak/dawk is-sit/siti li gie/gew iddikjarat/i mal-Kummissarju tal-Pulizija minnu bhala persuna licenzjata (bi ksur ta’ kundizzjoni numru 7) u dan bi ksur ta’ Regolament 8 tal-Avviz Legali 303 tal-2012;

3. ha jew ipprova jiehu jiehu xi ghasfur billi uza apparat elettriku jew elettroniku specjalment l-uzu ta’ tisfir irrekordjat minn qabel ta’ ghasafar u bi ksur tar-Regolament 7 (1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. zamm apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-sub-regolament (1) tar-Regolament 7 tal-Avviz Legali 79 tal-2006, u cioé xbieki, lixki ta’ ghasafar protetti u apparat elettriku jew elettroniku specjalment tisfir irrekordjat minn qabel ta’ ghasafar bi ksur ta’ Regolament 7(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. naqas milli jikkonforma ruhu mal-kondizzjonijiet ta’ xi ordni moghtija legittament skont id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat) bi ksur tar-Regolamenti 27(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. ma obdiex l-ordnijiet legettimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu, bi ksur ta’ Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell wahda datata 06.04.2001 (Imhallef Dr. Noel Arrigo LL.D.) u ohra datata 25.08.2008 (Prim Imhallef Dr. V. DeGeatano LL.D.) u mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) wahda datata 23.03.2006 (Magt Dr. C. Scerri Herrera LL.D.) u ohra datata 06.11.2011 (Magt. Dr. N. Camilleri LL.D.) liema sentenzi huma definitivi u ma jistghux jigu mhassra.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(3) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fid-29 ta' Ottubru 2012 ghall-habta tad-9.20am, PC 691 J. Mula DeBono kien *patrol* flimkien ma' PC 798 Anthony Camilleri rigward kacca u nsib illegali fl-inhawi ta' l-Ghadira ta' San Raflu, limiti ta' Kercem. **PC 691 Juan Mula DeBono** u **PC 798 Anthony Camilleri** qalu li semghu xi ghajjat ta' *bird-callers* u li raw lill-persuna baxx f'nofs il-mansab li malli nduna bihom, telaq jigri u x'hin lehquh sabuh u rrizulta li kien l-imputat li jghidu kien qed jahbi xi haga. Fuqu nstab *bird-caller* mentri *bird-caller* iehor nstab go hajt tas-sejjieh. PC 691 u PC 798 jispjegaw li minkejja li huma qalu lill-imputat biex inehhi z-zewg parti xibka, l-imputat baqa' jinsisti li ma riedx jaqlaghhom. Jghidu li kien biss wara li baqghu jinsistu u ordnaw lill-imputat biex inehhi z-zewg parti xibka li l-imputat cempel lil, skond PC 691, huh u missieru, u skond PC 798, xi nies ohra, li marru jghinuh

sabiex izarma iz-zewg pari xibka. Jghidu wkoll li aktar tard irrizultalhom li fejn kien qed jonsob l-imputat ma kienx il-post fejn huwa kien irregistra li kien ser jonsob.

Illi, **Gilbert Haber**, *Environment Protection Officer*, ikkonferma li lill-imputat kienet inhargitlu licenzja specjali ghas-sena 2012 ghall-insib limitat tal-malvizz u l-pluviera u dana taht diversi kondizzjonijiet, fosthom dik li persuna kellha tonsob fuq dawk iz-zewg siti li kienu gew irregistrati mal-Pulizija li kienu gew irregistrati fil-licenzja generali taghha (tal-istess persuna).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid x'jifhem bis-sit jekk jifhimx is-*site plan* kollha jghid: *"Is-sit indikat huwa dak is-sit li jkun gie ttimbrat mill-Pulizija. Jigifieri persuna meta hallset il-licenzja generali taghha kellha turi lill-Pulizija zewg sites ta' fejn l-insib qed isir. Jigifieri s-site mansab, bazikament"*. Jghid: *"L-ghalqa fejn isir"*. Jghid li l-iskop hu li jkun identifikat is-sit ta' fejn hemm il-mansab. Jikkonferma li l-istess mansab jista' jkun registrat fuq persuna ohra. Jghid li meta jinghad is-sit, is-sit huwa s-sit tal-insib.

Illi **PS 369 Joseph Mizzi** ezebixxa zewg pjanti Dok. "JM 1" u Dok. "JM 2". Gie mistoqsi jghid jekk fejn jidhru l-marki forma ta' "x" fuq Dok. "JM 1", (li f'Dok. "C" anness mal-affidavit ta' PC 691 Juan Mula DeBono tidher indikata bl-ahdar, fejn instab jonsob l-imputat) huwiex il-post fejn kien qed jonsob l-imputat u x-xhud wiegeb li ma jafx. Ma jafx min ghamel l-marka forma ta' "x". Jghid li l-applikant meta jmur ghand il-Pulizija jsaqsuh fejn hi l-ghalqa u meta din tigi ndikata, din tigi mmarkata bil-*highlighter*.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri pero ressaq zewg xhieda: Daniel Grech u Lino Farrugia. **Daniel Grech** xehed illi huwa jigi hu l-imputat u qal li kien qieghed ghal kacca ftit boghod mill-imputat u huh l-imputat qallu li kien hemm il-Pulizija li rieduh izarma x-xbieki u hu (Daniel) qallu (lill-imputat) biex ma jmiss xejn ghax kienu hames minn nies biex ramawhom. Jghid li x-xbieki fihom mija u ghoxrin pied u fihom il-molol tal-garaxxijiet perikoluzi. Qallu biex jistennieh sakemm

imorru hu u missieru izarmawhom. Jghid li sema lill-Pulizija minn fuq it-telefon jinsisti mal-imputat biex inehhi x-xbieki u li wara zewg/tlitt minuti wasal fuq il-post u bdew izarmaw ix-xbieki. Tul ix-xiehda tieghu spjega kemm huma perikoluzi dawn ix-xbieki. Jghid li sema' lill-huh jghid lill-Pulizija jaghtuh cans ghax kienu sejrin huwa u missieru li ma kienux il-boghod. Ezebixxa wkoll *carnet de chasse* (Dok. "AA 1") u jghid li f'kaz li tkun tonsob ta' Kercem timmarka fil-kaxxa numru "8".

ILLI, **Lino Farrugia** (Segretarju Generali tal-Federazzjoni Kaccaturi, Nassaba u Konservazzjonijiet (FKNK)) xehed li kien membru fil-kumitat Ornis Malta li jiehu hsieb jirrakomanda certi ligijiet u regolamenti lill-Ministri. Jispjega li wara diversi laqghat il-kumitat Ornis kien irrakomanda Avviz Legali 73 tas-sena 2007. Jghid: *"Dan kien il-proposta kif ghandhom jigu rregistrati biex nghidulha hekk allavolja ma jaghtux titlu ta' pussess ta' xejn is-siti fejn jista' jkun hemm imnasab. Pero dak l-Avviz Legali qatt ma gie fis-sehh"*. Jghid: *"jigifieri l-procedura dejjem kienet li nistghu nirregistraw sa zewg siti imma m'hemmx ghalfejn tindika fejn qeghdin l-imnasab jew kemm-il mansab hemm"*. Jghid li wiehed jista' jirregistra sit f'Ghawdex u sit f'Malta. M'hemmx indikat kemm ghandu jkun kbir is-sit. Meta gie muri *carnet de chasse* (Dok. "AA 1) jghid li kull kaxxa tirraprezenta kilometru kwadru. Jghid: *"jigifieri inti meta qieghed f'kaxxa minnhom int ma tghidx jien qieghed hawn bil-mansab, trid tindikah, imma inti tghid li minn kaxxa numru 101 inti qbadt ghasfur jew ma qbadtx u dawn l-affarijiet"*.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma kienx prezenti mal-imputat meta l-Pulizija marru fejnu dakinhar tad-29 ta' Ottubru 2012.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni</u>:**

Illi PS 369 Joseph Mizzi kien car fix-xiehda tieghu meta huwa xehed li l-Pulizija jindikaw bil-*highlighter* il-post li jigi ndikat lilhom ta' fejn ghandu jsir l-insib. Minn Dok. "C" ezebit mal-affidavit ta' PC 691 Juan Mula Debono u kif

ukoll minn Dok. “JM 1” ezebiet minn PS 369 Joseph Mizzi jidher car li l-imputat kien irregistra li kellu jonsob fil-parti indikata bir-roza f’Dok. “C” u f’dik il-parti indikata bl-orangjo f’Dok. “JM 1”, li huma l-istess. Gialadarba gie pruvat li l-imputat nstab fil-parti ndikata bl-ahdar f’Dok. “C” ezebiet mal-affidavit ta’ PC 691 DeBono m’hemmx dubju li jirrizulta pruvat li l-imputat ma kienx qed jonsob fil-post fejn huwa kien irregistra li kien ser jonsob. B’hekk l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) u r-Raba’ (4) Imputazzjoni</u>**:
Illi d-difiza ghandha ragun targumenta li l-*bird callers* qatt ma gew esebiti, la formalment u lanqas materjalment. L-istess japplika ghax-xbieki. Ghandha ragun id-difiza targumenta li m’hemmx il-grad ta’ prova mehtieg fil-kamp kriminali u b’hekk l-imputat ghandu jigi liberat minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

**<u>Il-Hames (5) u s-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**:
Illi z-zewg ufficjali tal-Pulizija PC 691 u PC 798 fl-affidavit taghhom jghidu li minkejja li huma qalu lill-imputat biex inehhi z-zewg parti xibka, l-imputat baqa’ jinsisti li ma riedx jaqlaghha. Da parte taghha, id-difiza tghid li l-imputat talab l-assistenza ta’ familjari tieghu u mhux minnu li hu ma kkooperax. Iz-zewg ufficjali tal-Pulizija jsostnu li kien biss wara li huma baqghu jinsistu u ordnaw lill-imputat biex inehhi z-zewg pari xibka li l-imputat cempel lill-familjari tieghu li marru jghinuh izarmahom. Il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddubita minn dak li xehdu l-ufficjali tal-Pulizija u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Is-Sebgha (7) Imputazzjoni</u>**:
Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet erba’ sentenzi: tnejn moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali: wahda fis-6 ta’ April 2001 (Dok. “H”) u ohra moghtija fil-25 ta’ Awissu 2008 (Dok. “I”) u tnejn moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex): wahda moghtija fit-23 ta’ Marzu 2006 (Dok. “J”) u ohra moghtija fis-6 ta’ DIcembru 2011 (Dok. “K”). Fir-rigward tas-sentenza Dok. “H”, ma saritx l-identifikazzjoni tal-

imputat f'dik il-kawza jekk hux l-istess imputat tal-kawza odjerna. Fis-sentenza Dok. "H" m'hemm l-ebda konnotati tal-imputat f'dik il-kawza. Fir-rigward tas-sentenza Dok. "I", hemm indikat l-Karta tal-Identita' tal-imputat Paul Grech, li huwa l-istess Karta tal-Identita' tal-imputat fil-kawza odjerna. Dan huwa bizzejjed ghall-prova ta' recidiva. Fir-rigward tas-sentenzi Dok. "J" u Dok. "K", jirrizultaw minnhom il-konnotati tal-imputat f'dawn iz-zewg decizjonijiet li jikkombacu mal-konnotati tal-imputat fil-kawza odjerna u ghaldaqsant m'hemmx dubju li l-imputat fiz-zewg sentenzi Dok. "J" u Dok. "K" huwa l-istess imputat tal-kawza odjerna. Ghandha ragun id-difiza targumenta li s-sentenza Dok. "K" ghadha ma hijiex skontata (*vide* Dok. "JA 1"). Dan ifisser li ai fini tar-recidiva l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni biss is-sentenzi mmarkati Dok. "I" u "J" li huma bizzejjed biex il-Qorti tapplika Regolament 27(3)(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames (5), is-sitt (6) u s-sebgha (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Regolamenti 12(1), 27(1)(a) u 27(3)(b) tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 8 tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.113 u Artikoli 17(h) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-sebgha (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf u mitejn mitt Euro (€ 1200.00).

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca tal-imputat ghal zmien sena millum.

Finalment, ghalkemm l-imputat qed jigi liberat mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu,

il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta taz-zewg *bird callers,* iz-zewg *remotes*, hames (5) *plastic decoys* u zewg pari xibka elenkati f'Dok. "B", liema dokument gie ezebiet fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2013.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------